TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 209

KAZ NRU 282

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Carmel Cacopardo

u

d-Direttur tax-Xogholijiet

dwar sospensjoni ta' l-appellant skond l-Att dwar l-Edukazzjoni 1974 Artikolu 40(2) allegata li hi ngusta

Data: 20 ta' Frar, 1985

CHAIRMAN: Tonio Portughese BA(Hons), MA.

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali nhar l-20 ta' Gunju, 1983 skond l-Artikolu 40(2) ta' l-Att tal-1974 dwar l-Edukazzjoni u skond l-Att tal-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali.

2. TERMS OF REMIT

It-Terms of Remit ta' l-appellant, is-Sur Carmel Cacopardo huma "illi s-sospensjoni tieghu bhala Student Haddiem mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici li saret b'ittra tal-15 ta' Ottubru, 1980 kienet ghal kollox illegali u li ghalhekk huwa ghandu jiehu lura l-paga u l-beneficcji kollha li tilef minhabba l-istess sospensjoni."

Id-Direttur tax-Xogholijiet pprezenta 'counter-terms of remit' "illi s-sospensjoni tas-Sur Carmel Cacopardo, student-haddiem, li sehhet permezz ta' ittra datata 15 ta' Ottubru, 1980 kienet gustifikata u legalment retta peress li huwa bla permess u minghajr awtorita' naqas li jirraporta ghax-xoghol bejn is-6 ta' Ottubru u t-13 ta' Ottubru, 1980 f'liema perijodu qabad u siefer minghajr ma kellu l-permess mehtieg, u ghaldaqstant tqies li abbanduna x-xoghol - u dan meta huwa stess kien ga gie nfurmat

illi l-'leave' li talab ma kienx ghadu gie approvat. Dan kollu juri li s-Sur Cacopardo ma tax kaz tar-regolamenti u xjentement injora u sfida l-awtoritajiet - nuqqasijiet serji li wiehed ma jistenniex u l-anqas jittollera minghand Student-Haddiem".

3. It-Tribunal Industrijali zamm tliet seduti li fihom ghall-appellant deher is-Sur Maurice Agius, waqt li ghad-Dipartiment tax-Xogholijiet deher il-Perit Godwin Drago, Agent Direttur tad-Dipartiment, assistit mis-Sur Joe Xuereb, Ufficjal Amministrattiv fil-P.W.D.

4. <u>STATEMENTS OF CASE</u>

F'isem l-appellant gie sottomess li nhar il-15 ta' Ottubru, 1980 il-Perit Godwin Drago, Agent Direttur tad-Dipartiment tax-Xogholijiet, informa lil Carmel Cacopardo, student-haddiem li kien qieghed jigi sospiz milli jattendi ghax-xoghol minghajr dritt ta' hlas sakemm id-Dipartiment ikun f'pozizzjoni li jinfurmah dwar passi dixxiplinarji ohra li kellhom jittiehdu kontra tieghu. L-Appellant talab lill-Agent Direttur jinfurmah taht liema regolamentikien qieghed jagixxi. Gie sottomess ukoll li s-sospensjoni kienet nulla u minghajr effett ghax ma kienet ibbazata fuq l-ebda regolament. L-appellant kien intalab jerga jirraporta ghax-xoghol nhar is-27 ta' Jannar, 1982, izda fl-10 ta' Frar, 1982 talab lid-Dipartiment biex ihallsu s-somma ta' LM2411.01,8 bhala l-pagi u l-beneficcji ohra dovuti lilu izda mizmuma matul iz-zmien ta' sospensjoni. Nhar it-30 ta' Marzu, 1982 huwa thallas is-somma ta' LM776.92,8 mis-somma mitluba, li kienet tirrapprezenta l-hlas ghall-perijodu tal-istudy phase li kien hemm fis-sospensjoni. Fl-14 ta' Dicembru, 1982 l-appellant gie mgharraf li ma kienx ser jigi riferut lill-Interviewing Board ghall-ghoti tal-warrant ta' Perit sakemm jiskadi perijodu ta' 40 gimgha attribbwibbli ghall-perijodu ta' sospensjoni. It-Tribunal Industrijali gie mitlub jiddikkjara din is-sospensjoni ta's-Sur Cacopardo bhala student-haddiem, kienet nulla u bla effett u li ghalhekk ghandu jiehu lura l-paga u l-beneficcji kollha li

tilef minhabba l-istess sospensjoni, inkluz li għall-finijiet tal-għoti tal-warrant ta' Perit jitqies daqs li kieku kien qiegħed jahdem matul il-perijodu li fih kien sospiz.

F'isem id-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubblici, l-Agent Direttur issottometta li fit-8 ta' Settembru, 1980, is-Sur Carmel Cacopardo, li dak iz-zmien kien student-haddiem fil-hames sena tal-kors tal-Arkitettura u Inginerija Civili, talab 'leave' ta' assenza (bla hlas) mill-fazi tax-xogħol bejn is-6 u t-13 ta' Ottubru, 1980 sabiex ikun jista jattendi konferenza tal-istudenti f'Bonn. Nhar it-3 ta' Ottubru kien gie mgharraf li kien ghadu m'hemmx approvazzjoni għat-talba tiegħu. Fis-6 ta' Ottubru sar magħruf li huwa ma kienx irraporta għax-xogħol l-Universita fejn kien qed iwettaq xogħol urgenti dwar 'water catchment', u gie stabbilit li kien telaq minn Malta mingħajr ma stenna twegiba għat-talba għal-leave. Huwa gie meqjus li abbanduna x-xogħol u meta rraporta għax-xogħol fl-14 ta' Ottubru, 1980 gie infurmat illi kien qed jigi sospiz mix-xogħol. L-appellant għazel deliberatament li jinjora u jisfida lill-awtoritajiet u b'insubordinazzjoni, qabad u siefer mingħajr il-permess tal-istess Dipartiment li kien qiegħed jisponsorjah fl-iskema student-haddiem.

5. <u>XHIEDA U DOKUMENTI</u>

Naturalment ix-xhieda u d-dokumenti ammessi mit-Tribunal ikkompletew il-kwadru tal-kaz. Ghadd ta' dokumenti kienu jirrigwardjaw ittri miz-zewg nahat dwar is-sospensjoni, kif ukoll istruzzjonijiet mis-Segretarju Amministrattiv bid-data 9 ta' Novembru, 1981 dwar x'passi kellu jiehu l-P.W.D. kontra s-Sur Cacopardo. Il-fehma tas-Segretarju Amministrattiv kienet li Cacopardo, bhala student-haddiem, ma kellux jitqies bhala ufficjal pubbliku.

Fost ix-xhieda l-aktar illuminanti kienet dik ta' l-appellant innifsu, tal-Perit Drago, tas-Sur Joseph Xuereb, Ufficjal Amministrattiv, kif ukoll ta' tliet studenti-haddiema.

.../4

6. SOTTOMISSJONIJIET FINALI

It-tezijiet konklussivi tal-partijiet ikkonfermaw sostanzjalment il-pozizzjonijiet originali taghhom. L-appellant sahaq fuq l-aspetti essenzjali li tul is-sospensjoni ta' erbghin gimgha tal-work phase, ma sarx smiegh tal-kaz tieghu u ghalhekk ma nghatax l-opportunita' jaghmel difiza. Id-Dipartiment baqa' ma qalx taht liema regolamenti kien issospenda lill-appellant ghax fil-fatt ma jezisti ebda regolament li jaghtih poter jissospendi u jagixxi bil-mod kif agixxa. L-appellant sostna wkoll li ebda principal ma jista' jimponi sospensjoni jekk ma jkunx hemm provvediment specifiku fir-regolamenti li jaghtih dan il-poter; u meta jezisti provvediment specifiku, irid ikun hemm segwitu ta' procedura dixxiplinarja ghas-smiegh tal-kaz. Barra minn hekk, id-dixxiplina fil-kaz ta' student-haddiem tista' tigi biss ezercitata mill-Universita' bis-sahha ta' Artikolu 29(3) (g) jew inkella skond artikolu 40(2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni tal-1974; izda l-Universita' ma hadet passi dixxiplinarji ta' ebda xorta. Ghalhekk it-Tribunal intalab jiddikjara din is-sospensjoni bhala ingusta u bla effett; li d-Direttur tax-Xogholijiet ihallas lill-appellant is-somma ta' elf, sitt mija u erbgha u tletin lira Maltija u disa centezmi (LM1634.09,0) bhala l-bilanc tal-pagi u beneficcji, u jghid li ma hemm ebda raguni valida ghaliex l-appellant m'ghandux jitressaq ghall-interview li jwassal ghall-warrant ta' Perit.

L-Agent Direttur tax-Xogholijiet iddikkjara li skond l-istruzzjonijiet tas-Segretarju Amministrattiv tad-9 ta' Novembru, 1981 huwa kellu kull dritt li jirtira sahansitra l-isponsorship lis-Sur Cacopardo talli injora u sfida lill-awtoritajiet meta, wara li kien jaf li ghad m'hemmx approvazzjoni ahharija ghat-talba li kien ghamel, qabad u siefer minghajr il-permess mehtieg. Barra minn hekk biex seta jithalla jsiefer waqt li kien fuq work-phase, kien kellha tinghata koncessjoni specjali. Intqal ukoll li talbiet ghal leave specjali ta' student-haddiem iridu jigu riferuti lis-Segretarju Amministrattiv.

7. KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI

It-Tribunal irid jistabbilixxi l-kompetenza assoluta tieghu li jitratta dan il-kaz ta' student-haddiem. Fil-fatt l-Att ta'

l-Edukazzjoni tal-1974 jafferma li l-kwistjonijiet kollha bejn principal u student-haddiem dwar l-impieg tieghu jaqghu esklussivament taht il-gurisdizzjoni ta' l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali tal-1976, bl-istess manjiera u procedura ghal kaz ta' tkeccija allegata ingusta, minn impieg. Dan ifisser li l-istess kriterji ta' deliberazzjoni u gudizzju dwar kazi ssottomessi lil dan it-Tribunal fuq tkeccijiet allegatament ingusti, huma applikabbli ukoll ghal studenti-haddiema.

L-ewwel mistoqsija maghmula minn dan it-Tribunal tikkoncerna l-origini tal-kaz kollu, marbuta ma talba ghal leave specjali li teknikament u realment ma nghatatx. Meta jaghti l-kaz li l-employer ma riedx kapriccjozament ma jaghtix dan il-leave lil student-haddiem, u li wara kollox ried ikun leave specjali. Analizi profonda ta' l-aspetti intrinsikament industrijali twassal ghall-konstatazzjoni li kull leave irid ikun approvat ufficjalment, u li f'kaz ta' student-haddiem waqt il-fazi tax-xoghol, trid tinghata koncessjoni straordinarja.

Dwar is-sospensjoni, meta wiehed jivvaluta l-validita' teknika taghha skond il-konswetudni stabbilita fl-industrija lokali, jara li minkejja li kwazi kull ftehim kollettiv attwalment 'in vigore' jikkontemplaha ghal kazi kriminali kontra l-kumpanija, fil-fatt tigi attwata normalment bhala mizura effettiva ta' dixxiplina. Sar 'modus vivendi' dwar ir-rikors ghal sospensjoni bhala kastig li f'hafna kazi sservi biex tiddrizza mpjegati li minghajr kastig ta' sospensjoni jibqghu fir-rotta negattiva li twassalhom facilment ghall-piena kapitali tat-tkeccija mill-impieg.

Huwa fatt ukoll li fil-kaz in kwistjoni u fi kwalunkwe kaz iehor li jirrigwardja student-haddiem, vjolazzjonijiet dixxiplinarji jistghu jwasslu biex jigi rtirat l-isponsorship. F'kazi bhal dawn, ovvjament, min jitlef l-isponsorship ikollu d-dritt imur quddiem it-Tribunal Industrijali.

Il-fehma jew decizjoni originali tad-Dipartiment kienet li tirtira l-isponsorship ghax qieset l-azzjoni ta' l-appellant bhala sfida u insuberdinazzjoni. Wara hallieh sospiz sakemm

gie deciz li jithalla jkompli l-fazi tax-xoghol bil-hlas li tilef waqt is-sospensjoni jitnaqqaslu bhala kastig.

Qieghed jigi stabbilit ukoll li student-haddiem waqt il-fazi tax-xoghol irid iwiegeb lill-employer tieghu, jobdi skrupolozament ir-regolamenti dixxiplinarji u jitqies regolat mill-employer li jkun sponsorjah.

Dawn il-kunsiderazzjonijiet fundamentali juru li l-employer seta facilment jirtira l-isponsorship u mit-trattazzjoni tal-kaz johrog li dan kien l-objettiv originali Sussegwentement giet attwata piena mitigata flok terminazzjoni drastika ta' l-isponsorship ghal insubordinazzjoni grossa.

8. AWARD

Ghalhekk, it-Tribunal isib kontra l-appellant ghall-agir originali tieghu u jtemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

TONIO PORTUGHESE
Chairman

Edwin Spiteri
A/Segretarju

Data: 20 ta' Frar, 1985

ja